# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Gilbert Testaferrata De Noto**
**u**
**Rosianne Attard**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gilbert Testaferrata De Noto ta' 24 sena, iben Brian u Louise nee Borg imwieled Pieta nhar it-28 t'Ottubru 1997, residenti 73 Whooper Swan, Triq Santa Marija, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0425597M u

Rosianne Attard ta' 20 sena, bint Paul u Isabella nee' Aquilina imwielda Pieta nhar it-8 t' Awwissu 2022 residenti 13 Blk E Fl 6, Triq il-Vulnerabbli Nazju Falzon, Birkirkara u detentrici tal-kart tal-identita bin-numru 0279302L

Gilbert Testaferrata De Noto wahdu akkuzat talli nhar it-13 t’ Awwissu 2022 bejn l-16:00hrs u s-18:00hrs gewwa 73, Whooper Swan, Triq Santa Marija, Zabbar u/jew f’dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ikkawza lil ommu u cioe Louise Testaferrata De Noto biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti taghha

   Art.251(1)(3), Art 222(1)(a), Art 202(h)(iii)(v)(vii), Art. 251 HA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ ommu u cioe Louise Testaferrata De Noto f’periku car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta’ natura hafifa fuq ommu Louise Testaferrata De Noto, hekk kif iccertifikatha Dr Francesca Borg (Med Reg 6453)

   Art.214, Art. 221(1), Art. 222(1)(a), Art. 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

3. Hebb kontra ommu Louise Testaferrata De Noto sabiex jingurja idejjaq jew jaghmel hsara lil ommu Louise Testaferrata De Noto, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali

   Art. 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra fil-Kodici Kriminali lil ommu u cioe Louise Testaferrata De Noto jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

   Art.339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qrat tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini ta’ Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rosianne Attard wahidha akkuzata talli nhar it-13 t’ Awwissu 2022 bejn l-16:00hrs u s-18:00hrs gewwa 73, Whooper Swan, Triq Santa Marija Zabbar u/jew f’dawn il-Gzejjer Maltin:

6. Ikkawzat lil omm is-sieheb taghha u cioe Louise Testaferrata De Noto biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti taghha
   Art.251(2)(3), Art. 222(a)(A), Art 202(h)(v), Art 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' omm is-sieheb taghha u cioe Louise Testaferrata De Noto f'periklu car, volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq omm is-sieheb taghha Louise Tesferrata De Noto, hekk kif iccertifikata Dr Francesca Borg (Med Reg) 6453
   Art.214, Art. 221(1), Art 222(1(a), Art. 202(h)(V) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. Hebbet kontra omm is-sieheb taghha Louise Testaferrata De Noto sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil omm is-sieheb taghha Louise Tesaferrata De Noto, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali
   Art.339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

9. Ghamlet ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil omm is-sieheb taghha u cioe Louise Testaferrata De Noto jew, jekk kienet ipprovokata, ingurjat b'mod li harget barra mil-limit tal-provokazzjoni
   Art. 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Rosianne Attard u Gilbert Testaferrata De Noto a beneficju ta' Louise Testaferrata De Noto u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta'htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Louise Testaferrata De Noto u l-familjari taghha, jew sabiex jinzamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Rosiane Attard u Gilbert Testaferrata De Noto billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u jew torbot lil Rosianne Attard u Gilbert Testaferrata De Noto b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija Rosianne Attard u Gilbert Testaferrata De Noto sabiex ihallsu l-ispejjez

li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tat-22 t' Awwissu 2022 iz-zewg imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

4. Il-Qorti wissiet lil imputat Gilbert Testaferrata De Noto bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa (9) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lil imputata Rosianne Attard bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha hija ta' sitt snin u nofs prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara jekk tridx tirrevedi l-pozizzjoni taghha.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet liz-zewg imputati jekk kellhomx hin bizzejjed sabiex jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom u z-zewg imputati wiegbu fl-affermattiv. Mistoqsija mill-Qorti jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom, iz-zewg imputati ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

7. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Officer Donnalise Camilleri u rat ir-rapport taghha ipprezentat fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 fil-konfront tal-imputata Rosianne Attard.

8. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Officer Leon Farrugia u rat ir-rapport tieghu ipprezentat fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 fil-konfront tal-imputat Gilbert Testaferrata De Noto.

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Iz-zewg imputati irregistraw ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom.

11. Pero irid jinghad li fis-seduta tat-22 t'Awwissu 2022, wara li z-zewg imputati irregistraw l-ammissjoni taghhom, il-parti offiza iddikjarat li qed tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli. Billi l-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgha, tmienja u disgha jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza biex jitkomplew, liema kwerela giet irtirata, din il-Qorti m'hix se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-erba' imputazzjonijiet.

12. Konsegwentement, din il-Qorti issib lill-imputati hatja fuq ammissjoni taghhom stess tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, hlief ghall-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgha, tmienja u disgha.

13. Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li z-zewg imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, konsegwentement ma hlewx ir-rizorsi ta' din il-Qorti, u tal-forzi tal-ordni.

14. L-imputata Attard ghandha fedina penali netta fil-waqt li l-imputat Testaferrata de Noto ghandu kundanna wahda ghal sewqan traskurat u li naqas li jobdi l-ordinijiet tal-Pulizija.

15. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputata Attard m'ghandhiex problem partikolari. Hija qatt ma kellha u m'ghandhiex vizzji, u ghandha impjieg stabbli. Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha fil-konfront tal-imputata Attard bil-mod segwenti:

*"Pjan ta' Kura*

*Mill-informazzjoni migbura ghal fini ta' dan ir-rapport, jirrizulta li Rosianne Attard tgawdi minn sapport kbir kemm mill-familjari taghha, kif ukoll mis-sieheb taghha Gilbert Testaferrata De Noto. L-imputata ghandha tistinka sabiex tibqa' miexja fit-triq it-tajba, fil-waqt li tevita sitwazzjonijiet li jistghu iwassluha ghal kwalunkwe inkwiet.*

*Rakkomandazzjoni*

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghal fini ta' dan ir-rapport, qed jigi umilment issugerit li Rosianne Attard tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza ghal perjodu li jidhrilha li huwa xieraq din l-Onorabbli Qorti u dan skond l-Artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta."*

16. Fir-rigward tal-imputat Testaferrata de Noto, l-Ufficjal tal-Probation qal huwa ghandu impjieg stabbli pero jirrizulta li jabbuza mid-droga tal-cannabis. Jirrizulta wkoll li huwa ghandu problem psikologici li jidher li huma kagunati minn trauma li sofra fit-tfulija tieghu. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda r-rapport tieghu hekk:

*"Pjan ta' Kura*

*Bhala pjan ta' kura wiehed iheggeg lill-imputat biex ikompli fit-triq it-tajba li sejjer fiha fejn jidhol l-aspett ta' bzulija fejn jidher li huwa qed jghix b'mod indipendenti kif ukoll qed jaqdi r-rwol ta' missier. Jinhass il-boznn li Gilbert jinghata ghajnuna psikologika sabiex jahdem fuq diversi diffikultajiet li huwa ghandu li jirrigwardaw it-trobbija tieghu, kif ukoll trawmi li huwa gie espost ghalihom fid-dar meta kien izghar. Din l-ghajnuna tista' tghinu sabiex huwa jifhem ahjar l-emozzjnojiet tieghu kif ukoll ikun jista' jimxi 'l quddiem mit-trawmi tat-tfulija. Fl-ahharnett fl-aspett ta' vizzju huwa jidher li jiffunzjona bil-konsum tal-kannabis, pero dan l-aspett tajjeb li jkun sorveljat.*

*Rakkomandazzjoni*

*Ghaldaqstat qed ikun rikomandat li Gilbert Testaferrata de Noto jinghata piena ta' prigunerija sospiza b'ordni ta' supervizjoni annessa maghha skont l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qed ikun issugerit ukoll li wahda mill-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni tkun li l-imputat jiehu trattament li jista' jkun hemm bzonn."*

17. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-parti offiza iddikjarat li l-parti offiza ma tixtieqx li z-zewg imputat jinghataw piena karcerarja effettiva. L-Ufficjal Prosekutur ukoll qablet mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjali tal-Probation. Min-naha l-ohra id-difiza talbet li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, l-imputati ghandhom jinghataw ordni ta' probation u mhux sentenza ta' prigunerija sospiza.

18. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza fit-30 ta' Lulju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

19. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, socjeta civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jhedded jew ibezza' lil dak il-haddiehor, u sahansitra jikkaguna feriti fuq il-persuna, anke jekk ta' natura hafifa. Dan aktar u aktar meta dak il-haddiehor ikun persuna tal-familja u addirittura qed joqghodu flimkien taht l-istess saqaf, u allura jkun hemm vjolenza domestika.

20. Fil-kaz odjern, l-Ufficjali tal-Probation ma irrakomandawx piena karcerarja effettiva, izda wahda sospiza. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din hija l-piena minima li din il-Qorti ghandha tinfliggi f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern.

21. Din il-Qorti ittendi li taqbel mal-Ufficjali tal-Probation li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz piena karcerarja effettiva m'hix wahda idonea. Pero min-naha l-ohra fil-kaz tal-imputat Testaferrata de Noto in principju hemm impediment legali li l-piena karcerarja tieghu tigi sospiza, stante li ai termini l-Artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali sentenza ta' piena karcerarja sospiza ma tistghax tinghata meta l-hati ikun wiehed recidiv, kif inhu l-imputat Testaferrata de Noto.

22. Wara li l-Qorti hasbet fit-tul fuq il-kwistjoni, fil-konsiderazzjonijiet taghha hija tat piz li l-parti offiza li tigi omm l-imputat Testaferrata de Noto stess iddikjarat li ma tixtieqx li

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija. Tenut kont ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz, jidher li jekk jinghata piena ta' prigunerija effettiva ghall-inqas f'dan l-istadju, din taf ixxejjen ghal kollox kwalunkwe possibilita li jista' jkun hemm ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li l-parti offiza ukoll hija propensa li tikkonsidra fil-futur. Dan ikun fl-interess tal-partijiet kollha koncernati, kif ukoll tas-socjeta u tat-tifla minuri tal-imputati. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-opinjoni li in vista ta' dawn ic-cirkostanzi specjali u straordinarji hija ghandha tapplika piena taht il-minimu preskritt mil-ligi, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

23. Pero il-Qorti se tpoggi wkoll lill-imputat Testaferrata De Noto taht ordni ta' supervizzjoni sabiex jindirizza il-problemi psikologici li ghandu kif ukoll l-abbuz tieghu tad-droga.

24, Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat Testaferrata de Noto ghamilha cara li m'ghandux interess li jerga' jistabilixxi kuntatt mal-parti offiza, u min-naha l-ohra ghalkemm il-parti offiza tixtieq terga' tirristabilixxi kuntatt ma' binha, hija ghadha thoss li f'dan istadju l-incident ghadu wisq frisk biex taghmel dan. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha wkoll tohrog ordni ta' trazzin favur il-parti offiza.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(i) Tastjenti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, ir-raba', it-tminn u disa' imputazzjoni, stante li l-parte offiza irtirat il-kwerela pendenti dawn il-proceduri.

(ii) Wara li rat l-Artikoli 251(3), 222(1)(a), 202(h)(iii)(v)(vii), 251HA, 214, 221(1), 49, 50 u 21 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Gilbert Testaferrata De Noto hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjoni dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iii) A tenur ta' l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati Testaferrata de Noto taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

(iv) Il-Qorti wissiet lil hati Testaferrata de Noto bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

(v) Wara li rat l-Artikoli 251(3), 222(1)(a), 202(h)(iii)(v)(vii), 251HA, 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata Rosianne Attard hatja tas-sitt u s-seba' imputazzjoni dedotti kontra taghha, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(vi) Il-Qorti wissiet lil hatja Attard bi kliem car il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

(vii) In oltre, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront taz-zewg hatja Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Louise Testaferrata de Noto. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(viii) Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

(ix) Il-Qorti tordna li kopja taz-zewg Ordnijiet tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

25. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**